## Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

# IL-PULIZIJA (SPETTUR RODERICK ATTARD) V. MICHAEL SPITERI (KI. 505286M)

(DENUNZJA)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**28 ta' Frar 2023**

IL-QORTI,

wara li rat illi Michael Spiteri ("l-imputat") kien oriġinarjament instab ħati fuq ammissjoni tiegħu stess minn din il-Qorti diversement presjeduta permezz tas-sentenza tagħha tad-9 ta' Diċembru 2018 meta l-istess Qorti kienet apparti li kkundannatu għall-piena ta' priġunerija ta' sena sospiża għal sentejn, poġġiet lill-imputat taħt ordni ta' trattament ai termini tal-Art. 412D tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u taħt ordni ta' *probation* ai termini tal-Art. 7 tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta entrambi għal perjodu ta' tlett (3) snin[1],

wara li rat illi permezz tar-rikors tagħha tal-10 ta' Marzu 2020, l-uffiċjal tal-*probation* Sarah K. Bezzina, ġia nominata sabiex issegwi lill-imputat matul l-ordni tal-*probation,* iddenunzjat lill-imputat kif titlob il-liġi fl-Art. 21(1) tal-Kap. 446 peress illi l-istess imputat beda jonqos li jżomm il-kuntatt meħtieġ magħha u beda jippersisti fl-użu ta' sustanzi illeċiti (kokajina) u għalhekk kien qed jikser il-kundizzjonijiet li kien marbut bihom taħt l-ordni in kwistjoni[2],

[1] Fol 15-21
[2] Fol 23

wara li rat illi l-Qorti kif presjeduta ordnat li l-imputat jitressaq quddiemha sabiex iwieġeb għall-għemil tiegħu permezz tal-ordni tagħha tat-30 ta' Marzu 2020[3],

wara li rat illi l-Qorti żammet diversi seduti, semgħet għal iżjed minn darba lill-Uffiċjal tal-*Probation* u tat iżjed minn opportunita' waħda matul il-kors tal-proċeduri sabiex l-imputat jirregola ruħu u jikkonforma mal-kundizzjonijiet tal-ordni imposti fuqu,

wara li rat illi fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2022, id-difiża iddikjarat li ma' kelliex provi xi tressaq u għalhekk il-kawża ġiet differita għas-sentenza,

wara li semgħet it-trattazzjoni fil-qosor magħmula għan-nom

- tal-Prosekuzzjoni, mill-Ispettur Roderick Attard
- tad-Difiża, mill-Avukat Dr. Yanika Bugeja

qed tagħti din is-

## Sentenza

1. Permezz tal-ordni ta' *probation* tad-9 ta' Diċembru 2018 din il-Qorti diversement presjeduta kienet imponiet is-segwenti kundizzjonijiet fuq l-imputat bħala parti mill-istess ordni:

    1. Li matul il-perjodu ta' *probation*, il-ħati għandu jġib ruħu tajjeb, joqgħod għad-direttivi kollha tal-uffiċjal tal-*probation* u jżomm dak il-kuntatt meħtieġ u mitlub mill-uffiċjal tal-*probation* maħtur lilu,

    2. Il-ħati għandu javża immedjatament lill-uffiċjal tal-*probation* b'kull bdil li talvolta jagħmel fl-indirizz residenzjali tiegħu,

    3. Il-ħati għandu jżomm ruħu f'kuntatt mal-uffiċjal tal-*probation* skond id-direttivi li tagħtih minn żmien għall-ieħor l-istess uffiċjal tal-*probation* u partikolarment għandu, jekk l-uffiċjal tal-*probation* tkun hekk trid, jirċievi żjarat tal-istess uffiċjal tal-*probation,*

2. L-uffiċjal tal-*probation* maħtura għal dan l-iskop ġiet ordnata mill-Qorti sabiex tirrapporta bil-miktub bil-progress tal-ħati kull meta ikun neċessarju.

---

[3] Fol 24

3. Fir-rikors tad-denunzja tagħha tal-10 ta' Marzu 2020, l-uffiċjal tal-*probation* qalet *inter alia* s-segwenti[4]:

    1. "Illi Michael Spiteri qiegħed jonqos milli jżomm il-kuntatt meħtieġ mal-Uffiċjal tal-Probation u li għaldaqstant ma tistax issir is-superviżjoni neċessarja;

    2. Illi l-ikkonċernat qiegħed jippersisti fl-użu ta' sustanzi lleċiti speċifikament kokajina."

4. Fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2020 il-Qorti semgħet ix-xhieda tal-uffiċjal tal-*probation* **Sarah K. Bezzina** li kkonfermat bil-ġurament tagħha l-kontenut tar-rikors tagħha. Hija spjegat illi hija ilha ssegwi lill-imputat kemm fuq l-ordni ta' *probation* u kemm fuq l-ordni ta' trattament mid-9 ta' Diċembur 2018 (i.e. id-data tal-ordnijiet). Hija kienet tmur tkellmu ġewwa l-Faċilita Korrettiva ta' Kordin fejn kien qiegħed jiġi miżmum. Huwa ħareġ mill-ħabs fl-20 ta' Mejju 2019 fejn minn dakinhar l-viżti kellhom jibdew isiru permezz ta' appuntament. Madanakollu huwa beda jkun inkonsistenti fl-attendenza tiegħu. L-attendenza tiegħu kienet kif ġej:

    1. 14/06/2019: Attenda
    2. 18/06/2019: Attenda
    3. 12/07/2019: Attenda
    4. 26/09/2019: Naqas milli jattendi
    5. 08/08/2019: Naqas milli jattendi (ċempel biex jipposponi)
    6. 23/08/2019: Naqas milli jattendi
    7. 16/09/2019: Naqas milli jattendi. Intbagħtet twissija mid-dipartiment lill-Imputat
    8. 20/10/2019: Attenda
    9. 25/10/2019: Naqas milli jattendi
    10. 14/01/2020: Attenda
    11. 11/02/2020: Naqas milli jattendi
    12. 17/02/2020: Naqas milli jattendi (ċempel biex jipposponi)
    13. 25/02/2020: Naqas milli jattendi
    14. 02/03/2020: Naqas milli jattendi (bagħat messaġġ biex jipposponi)
    15. 09/03/2020: Naqas milli jattendi

[4] Fol 23

5. L-uffiċjal tal-*probation* qalet illi fl-20 ta Settembu 2019 u fl-14 ta' Jannar 2020 kienu ttieħdulu kampjuni tal-urina li wara rriżultaw posittiv għall-kokajina.

6. Fid-drabi li l-imputat kien ċempillha biex jipposponi huwa kien iġib skuża bix-xogħol. Kull darba li pero kien hemm postponiment huwa imbagħad ma' kienx attenda għall-appuntament ta' wara.

7. Hija qalet illi l-imputat sab xogħol *full time* li pero' ma' kienx wieħed regolarizzat. Qalet ukoll illi huwa kien ser isir missier fi ftit żmien ieħor.

8. Ix-xhud tenniet illi hija tixtiequ jimpenja aktar ruħu, jindirizza l-problema tad-droga u jieħu l-appuntamenti magħha bis-serjeta. Hija qalet illi ma' tqisx il-problema tiegħu bħala waħda kbira fis-sens illi huwa kien qiegħed jiffunzjona b'xi mod fil-ħajja tiegħu. L-użu ta' droga ma' kien ta' kuljum pero' ma' kienx qiegħed jieħu l-ordni bis-serjeta. Hija ssuġġeriet illi l-imputat ikellem lil xi ħadd minn Caritas jew Sedqa u li jkellem ukoll psikjatra fir-rigward tal-problema tad-droga.

9. Wara li xehdet l-uffiċjal tal-*probation,* il-Qorti iddiferiet il-kawża għat-8 ta' Ottubru 2020 sabiex "*sa' dakinhar jilħqu jsiru numru ta' viżti oħra mal-Probation Officer u kif ukoll sabiex l-imputat ikun mija fil-mija nadif u l-istess Probation Officer tirrelata fuq il-progress tal-istess imputat".*

10. Fil-frattemp fl-20 ta' Awwissu 2020 (allura kwazi xaħar u ġimgħatejn wara) l-istess uffiċjal tal-*probation* ippreżentat rapport ieħor fejn qalet illi minn wara s-seduta tad-9 ta' Lulju 2020 l-imputat ngħata sitt (6) appuntamenti (*recte:* filfatt ingħataw ħamsa mhux sitt appuntamenti) u naqas milli jattendi għalihom:

    1. 20/07/2020: Naqas milli jattendi
    2. 22/07/2020: Naqas milli jattendi (informaha li mhux ser jattendi peress li kien qiegħed Għawdex)
    3. 27/07/2020: Naqas milli jattendi
    4. 11/08/2020: Naqas milli jattendi. Ċempilla tlett ijiem wara għaliex qalilha li ma' kienx jaf li kellu jiġi peress li kien iġġieled minn mat-tfajla tiegħu u ma' kienetx qaltlu bl-appuntament.
    5. 17/08/2020: Naqas milli jattendi

    Hija qalet illi l-attitudni u l-motivazzjoni tiegħu kemm lejn l-ordni ta' *probation* u kemm lejn l-ordni ta' trattament baqgħet waħda negattiva u dan minkejja li l-Qorti kienet widdbitu fuq il-konsegwenzi jekk huwa jagħmel hekk.

11. Is-seduta tat-8  ta' Ottubru 2020 ġie differita minħabba li ma' kienx hemm awli disponibbli fil-Qorti.

12. Fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2020 l-imputat ma attendiex minħabba li kien ibbukkja *swab test* minħabba li kien qiegħed juri sintomi ta' mard.

13. Is-seduta tat-8 ta' Marzu 2021 ma setgħetx issir.

14. Is-seduta tad-19 ta' April 2021 ma setgħetx issir minħabba raġunijiet relatati mal-miżuri kontra t-tixrid tal-*Covid-19*.

15. Fis-seduta tat-13 ta' Mejju 2021 l-imputat ma' deherx stante illi kien jinsab marid bil-*Covid-19*.

16. Is-seduta tal-10 ta' Ġunju 2021 tħassret minħabba li ma' kienx hemm awli disponibbli fil-Qorti.

17. Is-seduta tal-24 ta' Ġunju 2021 tħassret minħabba li l-avukat difensur kellha tagħmel *swab test*.

18. Fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2021 l-*probation officer* infurmat lill-Qorti illi l-imputat kien infurmaha li kelu jagħmel *swab test*. Il-Qorti talbet lill-imputat iressaq provi in sostenn ta' dan.

19. Is-seduta tal-10 ta' Novembru 2021 ma' saritx minħabba indisposizzjoni tal-Maġistrat Sedenti.

20. Fis-seduta tal-1 ta' Diċembru 2021 reġgħet xehdet l-uffiċjal tal-*probation* **<u>Sarah K. Bezzina</u>** li spjegat illi l-imputat ippersista matul dik is-sena fin-nuqqas tiegħu illi jattendi l-appuntamenti magħha.  Hija qalet illi l-aħħar li kien mar għal appuntament kien fit-12 ta' Awwissu 2021 meta dakinhar qallha li jrid jirranġa ħajjtu. Pero imbagħad ma' attendiex għall-laqgħat tas-17 ta' Awwissu 2021 (li ġiet posposta għall-għada), tat-18 ta' Awwissu 2021, tal-4 ta' Ottubru 2021 (meta qallha li kien ma jiflaħx) u tal-24 ta' Novembru 2021. Inoltre minn tlett tentattivi sabiex jeħdulu kampjuni tal-awrina, f'darba minnhom ma' ħalliex *sample* u fid-darbtejn l-oħra (bl-

aħħar darba ikun fit-18 ta' Mejju 2021) ttieħdulu l-kampjuni u rriżultaw fil-pożittiv għall-kokajina.

21. Sadanittant ta' min jgħid illi l-perjodu tal-ordni ta' *probation* skada fid-9 ta' Diċembru 2011.

22. Fis-seduta tal-14 ta' Diċembru 2021 reġgħet xehdet l-istess uffiċjal tal-*probation* u qalet illi l-imputat kien deher għall-appuntament fis-7 ta' Diċembru 2021 u meta ttieħidlu kampjun tal-awrina dan irriżulta negattiv għal sustanzi lleċiti. Huwa qalilha illi beda jaħdem ma' kumpanija tal-elettriku u qalla ukoll illi l-ġenituri tiegħu għandhom problemi ta' saħħa u qed jiddependu fuqu.

23. Fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2022 l-imputat ma' deherx u l-Qorti ħadet passi fil-konfront tiegħu għal dan in-nuqqas inkluż il-ħruġ ta' mandat t'arrest.

24. Fis-seduta tas-26 ta' April 2022 l-avukat difensur infurmat lill-Qorti illi l-imputat żamm l-impjieg u li qed jipprova jaqbad it-triq it-tajba. Il-*probation officer* qalet pero illi hija ma' reġgħetx iltaqat mal-imputat minn Diċembru 2021 minkejja li kien hemm diversi tentattivi f'dan ir-rigward.

25. Fis-seduta tal-20 ta' Ġunju 2022 l-imputat ma' deherx u l-Qorti ħadet passi fil-konfront tiegħu għal dan in-nuqqas inkluż il-ħruġ ta' mandat t'arrest. L-istess ġara fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2022 meta għal darb' oħra l-Qorti mmultat lill-imputat għan-nuqqas tiegħu li jidher u ordnat il-ħruġ ta' mandat t'arrest fil-konfront tiegħu u anke fis-seduta tas-17 ta' Jannar 2023 meta dakinhar il-Qorti kella tagħti s-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet**

26. Il-Qorti jirriżultalha ċar illi l-imputat għal diversi drabi u b'mod konsistenti kiser il-kundizzjonijiet li ġew imposti fuqu fl-ordni tal-*probation*. Mhux biss ma' żammx kuntatt regolari mal-uffiċjal tal-*probation*, iżda agħar minn hekk, ma' kienx kapaċi jibqa' *clean* għalkemm f'Diċembru 2021 l-kampjun rriżulta fin-negattiv għal sustanzi lleċiti.

27. Skond id-dispożizzjonijiet tal-Art. 22(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta:

22(2) '*Jekk jiġi ppruvat għas-sodisfazzjon tal-qorti, li min ikun taħt probation jkun naqas milli jħares xi ħtieġa ta' sanzjoni fil-komunità, dik il-qorti tista' mingħajr*

*preġudizzju għat-tkomplija tas-sanzjoni, twaħħal il-ħati ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (232.94), jew tista' tittratta ma' min ikun taħt probation, għar-reat li dwaru tkun saret is-sanzjoni komunitarja, b'kull mod kif il-qorti tista' tittratta lill-ħati li kieku kien għadu kemm ġie dikjarat ħati minn jew quddiem dik il-qorti għal dak ir-reat.'*

28. Illum il-ġurnata l-ordni tal-*probation* innifisha ilha li skadiet mid-9 ta' Diċembru 2021 u għalhekk m'hemmx lok għat-tkomplija tagħha. Il-Qorti ma' tħossx illi l-ksur ripetut tal-kundizzjonijiet tal-ordni tal-*probation* huma tali li jimmerita biss *ammenda* u għalhekk li kieku mhux għal dak li ser jiġi rilevat fil-paragrafi sussegwenti hija kienet tkun tenuta titratta mal-imputat għar-reati li tagħhom huwa kien ġie misjub ħati fis-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Diċembru 2018.

29. L-imputazzjonijiet li tagħhom l-imputat kien ġie misjub ħati kienu s-segwenti:

> "Talli ġewwa l-*petrol station* fi Triq Għar Dalam, Birżebbugia fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Diċembru 2018:
>
> 1. Ikkommetta serq ta' madwar 60 euro liema serq huwa kwalifikat bil-ħin u bil-mezz għad-dannu ta' Joseph Azzopardi u/jew persuni oħra,
>
> 2. Volontarjament ħassar jew għamel ħsara jew għarraq makkinarju li jintuża ġewwa pompa tal-fuel, liema ħsara tammonta għal aktar minn 250 Euro iżda anqas minn 2,500 Euro għad-dannu ta' Joseph Azzopardi u/jew persuni oħra.
>
> Irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 289 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta"

30. Il-Qorti tosserva illi apparti l-ordni ta' *probation* u l-ordni ta' trattament li kien ingħata fis-sentenza oriġinali, l-Qorti kienet ukoll ikkundannatu għal piena karċerarja ta' sena sospiżi għal sentejn. Issa skond l-Art.28A(3) tal-Kodiċi Kriminali strettament dik il-Qorti ġaladarba tat sentenza sospiża ma setgħetx fl-istess kawża tagħmel ukoll ordni ta' *probation* dwar xi reat ieħor li l-imputat instab ħati tiegħu. Dan kollu jfisser illi għalkemm il-Qorti tħoss illi f'dan il-każ l-imputat ġie jaqa' u jqum mill-ordni tal-*probation* u ħaqqu li titratta miegħu għar-reati li tagħhom kien instab ħati, **<u>madanakollu tkun manifestament inġusta l-Qorti</u>** li tagħmel hekk ġaladarba jirriżulta illi filfatt l-Qorti kienet oriġinalment ikkundannatu ukoll għal sentenza karċerarja ta' sena, sospiża għal sentejn.

**Deċiżjoni**

31. **Għal dawn ir-raġunijiet wara li rat l-artikoli rilevanti tal-liġi (Art. 22(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta) il-Qorti qed tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tiddikjara lill-imputat ħati li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni tal-*probation* mposti fuqu permezz tas-sentenza ta' din il-Qorti tad-9 ta' Diċembru 2018, tikkundannah iħallas ammenda ta' mitejn u tletin euro (€ 230).**

V.G. Axiak — Y. M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur